DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-7 ta' Ġunju 2007

rigward id-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar l-użu ta' paraffin klorinat *short-chained* notifikati mir-Renju ta' l-Olanda skond l-Artikolu 95(4) tat-Trattat KE

(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 2361)

(It-test bl-Olandiż biss huwa awtentiku)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2007/395/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95(6) tiegħu,

Billi:

I. FATTI

(1) Bl-ittra tar-Rappreżentanza Permanenti tar-Renju ta' l-Olanda lill-Unjoni Ewropea tat-8 ta' Diċembru 2006, il-Gvern Olandiż, b'referenza għall-Artikolu 95(4) tat-Trattat, innotifika lill-Kummissjoni bid-dispożizzjonijiet nazzjonali tiegħu dwar l-użu ta' Paraffin Klorinat *short-chained* (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ SCCPs) li hu jqis li jinħtieġu jinżammu wara l-adozzjoni tad-Direttiva 2002/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2002 li temenda għall-għoxrin darba d-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE dwar ir-restrizzjonijiet għat-tqegħid fis-suq u għall-użu ta' ċerti sustanzi u preparazzjonijiet perikoluż (paraffin klorinat *short-chained*) ([1]).

(2) In-notifika tat-8 ta' Diċembru 2006 hija t-tieni notifika tar-Renju ta' l-Olanda rigward id-deroga mid-dispożizzjonijet tad-Direttiva 2002/45/KE. L-ewwel talba biex jinżammu d-dispożizzjonijiet nazzjonali eżistenti ġiet ippreżentata fis-17 ta' Jannar 2003. Fid-Deċiżjoni 2004/1/KE ([2]), il-Kummissjoni ddeċidiet li l-Olanda tista' żżomm parzjalment id-dispożizzjonijiet nazzjonali tagħha sal-31 ta' Diċembru 2006.

1. L-Artikolu 95(4) u (6) tat-Trattat

(3) L-Artikolu 95(4) u (6) tat-Trattat jipprovdi:

"4. Jekk, wara l-adozzjoni mill-Kunsill jew mill-Kummissjoni ta' miżura ta' armonizzazzjoni, Stat Membru jqis li jeħtieġ iżomm id-dispożizzjonijiet nazzjonali fuq il-bażi ta' ħtiġijiet akbar imsemmija fl-Artikolu 30, jew li għandhom x'jaqsmu mal-ħarsien ta' l-ambjent jew ta' l-ambjent tax-xogħol, dan għandu jinnotifika lill-Kummissjoni b'dawn id-dispożizzjonijiet kif ukoll dwar ir-raġunijiet għaliex għandhom jinżammu.

(…)

6. Il-Kummissjoni għandha, fi żmien sitt xhur minn notifika tapprova jew tirrifjuta d-dispożizzjonijiet nazzjonali involuti wara li tkun ivverifikat jekk humiex mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew restrizzjoni moħbija għall-kummerċ bejn Stati Membri jew le u jekk jikkostitwux xkiel għall-funzjonament tas-suq intern jew le."

2. Id-Direttiva 2002/45/KE u d-dispożizzjonijiet nazzjonali

2.1. *Id-Direttiva 2002/45/KE*

(4) Id-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE tas-27 ta' Lulju 1976 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mar-restrizzjonijiet għat-tqegħid fis-suq u għall-użu ta' ċerti sustanzi u preparazzjonijiet perikoluż ([3]), kif emendata, tistabbilixxi regoli li jagħmlu restrizzjoni għat-tqegħid fis-suq u l-użu ta' ċerti sustanzi u preparazzjonijiet perikoluż. Skond l-Artikolu 1(1), id-Direttiva tapplika għal sustanzi u preparazzjonijiet perikoluż mniżżla fl-Anness I.

(5) Id-Direttiva 2002/45/KE, adottata fuq il-bażi legali ta' l-Artikolu 95 tat-Trattat, żiedet fl-Anness I tad-Direttiva 76/769/KEE punt 42 ġdid dwar alkani, C_{10} sa C_{13}, kloro (SCCPs), li jistipula regoli dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' dawn is-sustanzi. Skond il-punt 42.1, l-SCCPs ma jistgħux jitqiegħdu fis-suq għall-użu bħala sustanzi jew bħala kostitwenti ta' sustanzi jew preparazzjonijiet oħra f'konċentrazzjonijiet ogħla minn 1 %:

— fix-xogħol tal-metall,

— għad-dlik ta' ġild bix-xaħam.

(6) Il-punt 42.2 jipprovdi li qabel l-1 ta' Jannar 2003 l-użi kollha li jifdal ta' SCCPs se jiġu riveduti mill-Kummissjoni Ewropea, b'kooperazzjoni ma' l-Istati Membri u l-Kummissjoni OSPAR, fid-dawl ta' xi *data* xjentifika ġdida u rilevanti dwar ir-riskji li jirriżultaw minn SCCPs għas-saħħa u l-ambjent u li l-Parlament Ewropew se jkun mgħarraf bir-riżultat ta' din ir-reviżjoni.

([1]) ĠU L 177, 6.7.2002, p. 21.
([2]) ĠU L 1, 3.1.2004, p. 20.
([3]) ĠU L 262, 27.9.1976, p. 201. Id-Direttiva hekk kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/139/KE (ĠU L 384, 29.12.2006, p. 94).

(7) L-Artikolu 2(1) jipprovdi li l-Istati Membri għandhom japplikaw il-miżuri li jittrasponu d-Direttiva mis-6 ta' Jannar 2004 l-aktar tard.

(8) Id-Direttiva 76/769/KEE se tiġi rrevokata fl-1 ta' Ġunju 2009 u mibdula bir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] dwar ir-Reġistrazzjoni, l-Evalwazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni tal-Kimiċi (REACH). Is-sustanza SCCPs hija mniżżla fl-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 taħt il-punt 42 mar-restrizzjonijiet kif previst fid-Direttiva 2002/45/KE.

2.2. *Dispożizzjonijiet nazzjonali*

(9) Id-dispożizzjonijiet nazzjonali notifikati mill-Olanda ddaħħlu bid-Deċizjoni tat-3 ta' Novembru 1999, li tistipula regoli li jipprojbixxu ċerti użi ta' paraffin klorinat *short-chained* (Deċiżjoni dwar il-Paraffin Klorinat, l-Att dwar is-Sustanzi Kimiċi (WMS)) (Staatsblad van het Koninkrijk der Nederlanden, Jaargang 1999, 478).

(10) L-Artikolu 1 jipprovdi li d-Deċiżjoni tapplika għal alkani klorinati b'katina ta' minn 10 sa 13, inklużi atomi tal-karbonju u grad ta' klorinazzjoni ta' mhux anqas minn 48 % bħala piż. Skond l-Artikolu 2(1), l-SCCPs msemmija fl-Artikolu 1 ma jistgħux jintużaw:

(a) bħala plastifikanti (plasticisers) fiż-żebgħa, kisi jew siġillanti (sealants);

(b) fil-fluwidi għax-xogħol tal-metall;

(c) bħala *flame-retardant* fil-gomma, plastik jew tessuti.

3. **Tagħrif ta' sfond dwar SCCPs**

(11) Is-Sezzjoni I.4 tad-Deċiżjoni 2004/1/KE fiha deskrizzjoni dettaljata ta' SCCPs, l-użi tagħhom u r-riżultat tal-valutazzjoni tar-riskju mwettqa fil-qafas tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 793/93 tat-23 ta' Marzu 1993 dwar l-evalwazzjoni u l-kontroll tar-riskji ta' sustanzi eżistenti [2]. Din is-sezzjoni tiffoka biss fuq tagħrif ġdid li sar disponibbli minn Jannar 2004.

(12) Wara r-riżultat tal-valutazzjoni tar-riskju li saret qabel u r-reviżjonijiet tagħha mill-Kumitat Xjentifiku dwar it-Tossiċità, l-Ekotossiċità u l-Ambjent (SCTEE), il-Kummissjoni adottat skond l-Atikolu 10 tar-Regolament (KEE) Nru 793/93, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 642/2005 [3] li jimponi rekwiżiti ta' ttestjar u tagħrif fuq l-importaturi jew il-manifatturi ta' ċerti sustanzi ta' prijorità. Dan ir-Regolament jitlob lill-industrija tipprovdi tagħrif addizzjonali dwar esponiment ambjentali u simulazzjoni ta' bijodegradazzjoni biex tkun iddeterminata n-nofs ħajja fl-ambjent tal-baħar, meħtieġa biex issir valutazzjoni aktar affidabbli tar-riskji.

(13) Fl-2004 l-assoċjazzjoni industrijali rilevanti (Euro Chlor) ppreżentat tagħrif li jindika li kien hemm nuqqas ulterjuri fl-użu ta' SCCP fl-applikazzjonijiet kollha mill-2001. Fl-2003 l-konsum ta' l-UE fit-tessuti u fil-gomma kien naqas għal terz tal-livell irreġistrat fl-2001, u fl-2004 seħħ nuqqas ulterjuri (b'mod partikolari fit-tessuti, żebgħa u siġillanti u adeżivi). Il-konsum fiż-żebgħa u siġillanti/adeżivi naqas ukoll b'50 % matul l-istess perjodu ta' żmien. Fl-2003 kien għadu jsir xi użu ta' fluwidi għax-xogħol tal-metall, iżda dan l-użu waqaf fl-2004 wara li daħlet fis-seħħ id-Direttiva 2002/45/KE. L-ammont globali ta' paraffin klorinat *short-chained* użat fl-applikazzjonijiet kollha kien anqas minn 1 000 tunnellata fl-2003 u anqas minn 600 tunnellata fl-2004 [4]. B'reazzjoni għar-Regolament (KE) Nru 642/2005, l-industrija wettqet aktar testijiet analitiċi tal-laboratorju. Ir-riżultati preliminari ta' din l-analiżi jidhru li jindikaw li l-SCCPs jista' jilħaq il-kriterji ta' sustanzi Persistenti, Bijoakkumulanti u Tossiċi (PBT). Ir-rapport tat-test aħħari se jkun ippreżentat lill-awtoritajiet tar-Renju Unit li jaġixxu bħala relatur skond ir-Regolament (KEE) Nru 793/93, hekk kif ir-riżultati aħħarija jiġu kkonfermati mil-laboratorju.

(14) F'Awwissu 2005 r-Renju Unit, li jaġixxi bħala relatur għal SCCPs, ħejja aġġornament tal-valutazzjoni tar-riskju ambjentali ta' l-SCCPs (minn ħawn 'il quddiem imsejjaħ valutazzjoni tar-riskju aġġornata), ġie diskuss u maqbul matul il-laqgħa tat-tielet Kumitat Tekniku dwar Sustanzi Ġodda u Eżistenti fl-2005 (TCNES III 2005). Għal xi uħud mix-xenarji, il-konklużjonijiet ta' qabel ġew mibdula u ġew identifikati riskji ġodda għal applikazzjonijiet bħal *flame-retardant* fil-kisi fuq wara tat-tessuti, l-użu industrijali ta' żebgħa u kisi, kif ukoll it-taħlit u l-konverżjoni ta' gomma għal xi punti finali ambjentali differenti. Madankollu, l-irfinar ta' din il-valutazzjoni bbażata fuq id-*data* ta' l-2004 dwar it-tunnellati użati ta' SCCPs wassal għal konklużjonijiet immodifikati li jindikaw riskju għall-applikazzjoni tal-kisi fuq wara tat-tessuti u t-taħlit/il-konverżjoni tal-gomma. Il-valutazzjoni tar-riskju aġġornata u maqbula se tiġi ppubblikata dalwaqt mill-Kummissjoni. Il-valutazzjoni tar-riskju aġġornata se tintbagħat għal evalwazzjoni lill-Kumitat Xjentifiku dwar ir-Riskji għas-Saħħa u għall-Ambjent (SCHER) fit-tieni nofs ta' l-2007, jekk xieraq.

[1] ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1

[2] ĠU L 84, 5.4.1993, p. 1. Ir-Regolament hekk kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1882/2003 (ĠU L 284, 31.10.2003. p. 1).

[3] ĠU L 107, 28.4.2005, p. 14.

[4] Il-figuri minn qafas ta' rapport rivedut ta' evalwazzjoni tar-riskju ta' SCCP, Awwissu 2005.

(15) Barra mill-miżuri u l-azzjonijiet Komunitarji msemmija hawn fuq, l-SCCPs huma koperti minn leġiżlazzjoni Komunitarja oħra. Id-Deċiżjoni Nru 2455/2001/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Novembru 2001 li tistabbilixxi l-lista ta' sustanzi ta' prijorità fil-qasam tal-politika ta' l-ilma u li temenda d-Direttiva 2000/60/KE ([1]), inkludiet l-SCCPs fost is-sustanzi perikoluż ta' prijorità fit-tifsira ta' l-Artikolu 16(3) tad-Direttiva ta' Qafas dwar l-Ilma. Skond id-Direttiva ta' Qafas dwar l-Ilma, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposti ta' kontroll għall-waqfien jew eliminazzjoni ta' ħruġ, emissjonijiet u telf ta' sustanzi fi żmien 20 sena wara l-adozzjoni tagħhom, u proposti għal livelli ta' kwalità applikabbli għal konċentrazzjonijiet fl-ilma tal-wiċċ, fis-sedimenti u fil-bijota.

(16) Fis-17 ta' Lulju 2006, il-Kummissjoni adottat proposta għal Direttiva dwar livelli ta' kwalità ambjentali fil-qasam tal-politika ta' l-ilma, u li temenda d-Direttiva 2000/60/KE. Din il-proposta żżomm il-klassifikazzjoni ta' l-SCCPs bħala sustanzi perikoluż ta' prijorità u twaqqaf livelli ta' kwalità ambjentali applikabbli għall-konċentrazzjonijiet ta' dawn is-sustanzi fl-ilma tal-wiċċ. Il-proposta ma fihiex miżuri ta' kontroll speċifiċi għall-ebda sustanza ta' prijorità minħabba li ħafna miżuri ta' ħarsien ambjentali jaqgħu fl-ambitu ta' leġiżlazzjoni Komunitarja eżistenti oħra, u minħabba li jidher li jkun aktar effettiv fin-nefqa u proporzjonat għall-Istati Membri li jinkludu, fejn meħtieġ u barra mill-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni Komunitarja eżistenti, miżuri ta' kontroll xierqa fil-programm ta' miżuri li għandhom jiġu żviluppati għal kull baċir tax-xmara skond l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2000/60/KE.

(17) Ir-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta April 2004 dwar pollutanti organiċi persistenti u li jemenda d-Direttiva 79/117/KEE ([2]) jimplimenta d-dispożizzjonijiet ta' żewġ strumenti internazzjonali dwar pollutanti organiċi persistenti (POPs): il-Protokoll dwar il-POPs ([3]) mill-1998 skond il-Konvenzjoni ta' UNECE dwar it-Tniġġis ta' l-Arja fuq Firxa Wiesgħa Bejn il-Fruntieri u l-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar il-POPs ([4]). Dan ir-Regolament daħal fis-seħħ fl-20 ta' Mejju 2004. Ir-Regolament imur lil hinn mill-ftehim internazzjonali billi jenfasizza l-għan li jiġu eliminati l-produzzjoni u l-użu tal-POPs rikonoxxuti internazzjonalment.

(18) La r-Regolament (KE) Nru 850/2004 u lanqas iż-żewġ Konvenzjonijiet internazzjonali ma fihom regoli speċifiċi dwar SCCPs. Madankollu, iż-żewġ Konvenzjonijiet għandhom mekkaniżmi biex jipproponu aktar sustanzi għal inklużjoni u proċeduri biex jiġu evalwati l-kandidati proposti.

(19) Fid-9 ta' Settembru 2005, il-Kummissjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, flimkien ma' l-Istati Membri li huma Firmatarji tal-Protokoll dwar il-POPs, ipproponiet li temenda l-Anness II rilevanti tal-Protokoll billi żiedet l-SCCPs. Matul il-laqgħa tagħha f'Settembru 2006, it-*Task Force* imwaqqfa skond il-Protokoll biex tirrevedi l-proposti għaż-żieda ta' aktar sustanzi appoġġat il-konklużjoni tad-*dossier* li l-SCCPs għandhom jitqiesu bħala POPs fil-kuntest tal-Protokoll u li l-profil tar-riskju pprovda tagħrif biżżejjed li juri li l-SCCPs kellhom il-potenzjal għal Trasport Atmosferiku Bejn il-Fruntieri fuq Firxa Wiesgħa (LRAT). It-*Task Force* ikkonkludiet b'mod ġenerali li l-karatteristiċi ta' periklu, flimkien mat-tagħrif ta' sorveljanza, kienu indikattivi tal-potenzjal għal effetti ambjentali dovuti għal LRAT. It-tagħrif li jinsab fir-reviżjoni *Track B* (alternattivi ta' mmaniġġjar tar-riskju) ta' SCCP kien meqjus korrett mit-*Task Force*, għalkemm kien meħtieġ tagħrif supplementari għal ħafna aspetti ta' evalwazzjoni soċjo-ekonomika ta' diversi azzjonijiet ta' mmaniġġjar tar-riskju. F'Diċembru 2006 il-Firmatarji tal-Protokoll innotaw il-konklużjonijiet proposti mit-*Task Force* dwar il-kontenut tekniku tad-*dossier* dwar SCCPs u qablu li din is-sustanza għandha titqies bħala POP kif definit skond il-Protokoll u talbu li t-*Task Force* tkompli bir-reviżjoni *Track B* ta' SCCPs u tesplora strateġija ta' mmaniġġjar tar-riskju.

(20) Barra minn hekk, fid-29 ta' Ġunju 2006, il-Kummissjoni f'isem il-Komunità Ewropea, flimkien ma' l-Istati Membri li huma Firmatarji tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma, ipproponiet li temenda l-Annessi rilevanti tal-Konvenzjoni billi żiedet l-SCCPs. Matul it-tieni laqgħa tiegħu mis-6 sa l-10 ta' Novembru 2006, il-Kumitat ta' Reviżjoni tal-POP ikkonkluda li l-SCCPs jilħqu l-kriterji ta' skrining imniżżla fl-Anness D tal-Konvenzjoni kif irrapurtat fid-Deċiżjoni POPRC-2/8 ([5]). Id-Deċiżjoni tirrakkomanda wkoll li għandu jitħejja abbozz ta' profil tar-riskju skond l-Anness E tal-Konvenzjoni.

([1]) ĠU L 331, 15.12.2001, p. 1.

([2]) ĠU L 158, 30.4.2004, p. 7, korrett mill-ĠU L 229, 29.6.2004, p. 5. Ir-Regolament hekk kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 323/2007 (ĠU L 85, 27.3.2007, p. 3).

([3]) Il-Konvenzjoni ta' l-1979 dwar it-Tniġġis ta' l-Arja fuq Firxa Wiesgħa Bejn il-Fruntieri li titratta l-problemi ambjentali tar-reġjun UNECE permezz ta' kollaborazzjoni xjentifika u negozjati politiċi, ġiet estiża bi tmien protokolli li jidentifikaw miżuri speċifiċi li għandhom jiġu adottati mill-Partijiet biex inaqqsu l-emissjonijiet ta' aġenti tat-tniġġis ta' l-arja. Il-Protokoll dwar Pollutanti Organiċi Persistenti (POPs) iffirmat fl-1998, daħal fis-seħħ fit-23 ta' Ottubru 2003. Dan il-Protokoll ġie rratifikat mill-Komunità Ewropea fit-30 ta' April 2004.

([4]) Il-Konvenzjoni ta' Stokkolma tat-22 ta' Mejju 2001 hija trattat globali bil-mira li jkun eliminat jew imnaqqas ir-rilaxx ta' aġenti tat-tniġġis organiċi persistenti (POPs) fl-ambjent. Daħlet fis-seħħ fil-17 ta' Mejju 2004. Il-Komunità Ewropea rratifikat din il-Konvenzjoni fis-16 ta' Novembru 2004.

([5]) Disponibbli fuq: http://www.pops.int/documents/meetings/poprc_2/meeting_docs/report/default.htm

(21) Fil-każ li SCCPs eventwalment ikunu inklużi fil-Konvenzjoni ta' Stokkolma skond wieħed mill-Annessi rilevanti, il-Kummissjoni Ewropea għandha tipproponi miżuri li jikkorrispondu jew skond id-Direttiva 76/769/KEE jew skond ir-Regolament (KE) Nru 850/2004 li għandhom iwasslu għal issikkar tar-restrizzjonijiet eżistenti.

II. **PROĊEDURA**

(22) Il-passi proċedurali marbuta ma' l-ewwel notifika mir-Renju ta' l-Olanda tas-17 ta' Jannar 2003, skond l-Artikolu 95(4) tat-Trattat huma deskritti fis-Sezzjoni II tad-Deċiżjoni 2004/1/KE.

(23) Fis-16 ta' Diċembru 2003, skond l-Artikolu 95(6), il-Kummissjoni nnotifikat lir-Renju ta' l-Olanda bid-Deċiżjoni 2004/1/KE ta' l-istess data, fejn il-Kummissjoni approvat id-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar SCCPs notifikati mill-Olanda fil-21 ta' Jannar 2003 sakemm ma japplikawx għall-użu ta' SCCPs bħala kostitwenti ta' sustanzi u preparazzjonijiet oħra f'konċentrazzjonijiet aktar baxxi minn 1 % maħsuba biex jintużaw bħala plastifikanti fiż-żebgħa, kisi jew siġillanti u *flame retardants* fil-gomma jew tessuti. Din id-deroga kienet valida sal-31 ta' Diċembru 2006.

(24) Wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2004/1/KE, li tawtorizza l-Olanda biex iżżomm parzjalment id-dispożizzjonijiet nazzjonali tagħha, l-Olanda ma emendatx il-miżuri nazzjonali biex tikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni.

(25) Minflok, l-Olanda talbet quddiem il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja l-annullament tad-Deċiżjoni 2004/1/KE fuq il-bażi ta' l-Artikolu 230 tat-Trattat (referenza 234/04, ex-każ C-103/04) u dan il-każ għadu pendenti quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza. Fit-talba tagħha, l-Olanda tikkontesta l-fatt li tinħtieġ awtorizzazzjoni għall-implimentazzjoni tal-miżuri nazzjonali li għandhom x'jaqsmu ma' l-applikazzjonijiet ta' SCCPs li m'humiex imsemmija fid-Direttiva 2002/45/KE.

(26) Bl-ittra tat-8 ta' Diċembru 2006 tar-Rappreżentanza Permanenti tar-Renju ta' l-Olanda lill-Unjoni Ewropea, il-Gvern Olandiż, filwaqt li rrefera għall-Artikolu 95(4) tat-Trattat, innotifika għat-tieni darba lill-Kummissjoni bid-dispożizzjonijiet nazzjonali tiegħu dwar l-użu ta' SCCPs li għandu l-ħsieb li jżomm wara l-adozzjoni tad-Direttiva 2002/45/KE.

(27) In-notifika tat-8 ta' Diċembru 2006 għandha l-istess għan bħan-notifika tas-17 ta' Jannar 2003, jiġifieri l-approvazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni dwar il-Paraffin Klorinat ta' l-Att dwar is-Sustanzi Perikoluži. Peress li l-Olanda ma ppreżentatx dispożizzjonijiet nazzjonali ġodda fin-notifika tagħha, il-Kummissjoni tassumi li l-miżuri nazzjonali notifikati huma dawk notifikati f'Jannar 2003: Id-Deċizjoni tat-3 ta' Novembru 1999, li tistipula regoli li jipprojbixxu ċerti użi ta' paraffin klorinat *short-chained* (Deċiżjoni dwar il-Paraffin Klorinat, l-Att dwar is-Sustanzi Kimiċi (WMS)) (Staatsblad van het Koninkrijk der Nederlanden, Jaargang 1999, 478).

(28) Bl-ittri tal-15 ta' Diċembru 2006 u ta' l-20 ta' Diċembru 2006, il-Kummissjoni għarrfet lill-Gvern Olandiż li kienet irċeviet in-notifika skond l-Artikolu 95(4) tat-Trattat u li l-perjodu ta' sitt xhur għall-eżami tagħha skond l-Artikolu 95(6) beda fid-9 ta' Diċembru 2006, il-jum wara dak meta waslet in-notifika.

(29) Bl-ittra tat-30 ta' Jannar 2007, il-Kummissjoni għarrfet lill-Istati Membri l-oħra dwar in-notifika li rċeviet mill-Olanda. Il-Kummissjoni ppubblikat ukoll avviż dwar in-notifika fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* [1] biex tgħarraf lil partijiet interessati oħra dwar id-dispożizzjonijiet nazzjonali li l-Olanda għandha l-ħsieb li żżomm kif ukoll dwar ir-raġunijiet li hemm għal dan. Fi tmiem il-perjodu għall-kummenti (30 jum wara l-pubblikazzjoni) l-ebda Stat Membru jew parti interessata oħra ma kienu ppreżentaw kummenti.

III. **EVALWAZZJONI**

1. **Kunsiderazzjoni ta' l-Ammissibilità**

(30) Fil-premessi 38 u 39 tad-Deċiżjoni 2004/1/KE, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-applikazzjoni ppreżentata mir-Renju ta' l-Olanda kienet ammissibbli. Issir referenza għal din id-Deċiżjoni għall-għanijiet tad-Deċiżjoni preżenti. Madankollu jkun tajjeb li jitfakkru l-aspetti fejn id-dispożizzjonijiet nazzjonali notifikati m'humiex konformi mar-rekwiżiti tad-Direttiva 2002/45/KE.

(31) Fil-qosor, id-dispożizzjonijiet nazzjonali notifikati jitbiegħdu mir-rekwiżiti tad-Direttiva 2002/45/KE fir-rigward ta' dan li ġej:

— L-użu ta' SCCPs bi grad ta' klorinazzjoni ta' mhux anqas minn 48 % bħala sustanzi plastifikanti fiż-żebgħa, kisi jew siġillanti u bħala sustanzi *flame-retardant* fil-gomma, plastik jew tessuti, li m'huwiex suġġett għal restrizzjonijiet għat-tqegħid fis-suq u għall-użu skond id-Direttiva, huwa pprojbit fl-Olanda.

— L-użu fi fluwidi għax-xogħol tal-metall ta' sustanzi jew preparazzjonijiet fejn SCCPs bi grad ta' klorinazzjoni ta' mhux anqas minn 48 % huma preżenti bħala kostitwenti, li m'huwiex suġġett għal restrizzjonijiet għat-tqegħid fis-suq u għall-użu skond id-Direttiva jekk l-SCCPs huma preżenti f'konċentrazzjoni ta' anqas minn 1 %, huwa pprojbit fl-Olanda.

[1] ĠU C 21, 30.1.2007, p. 5.

2. **Merti**

(32) Skond l-Artikolu 95(4) u (6), l-ewwel subparagrafu, tat-Trattat, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-kondizzjonijiet kollha li jagħtu s-setgħa lil Stat Membru li jżomm id-dispożizzjonijiet nazzjonali tiegħu b'deroga minn miżura ta' armonizzazzjoni tal-Komunità prevista f'dak l-Artikolu jintlaħqu.

(33) B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tevalwa jekk id-dispożizzjonijiet nazzjonali humiex iġġustifikati jew le bil-ħtiġijiet ewlenin msemmija fl-Artikolu 30 tat-Trattat jew marbuta mal-ħarsien ta' l-ambjent jew ta' l-ambjent tax-xogħol u ma jaqbżux dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq l-għan leġittimu mixtieq. Barra minn hekk, meta l-Kummissjoni tqis li d-dispożizzjonijiet nazzjonali jissodisfaw il-kondizzjonijiet imsemmija hawn fuq, hi għandha tivverifika, skond l-Artikolu 95(6), jekk id-dispożizzjonijiet nazzjonali humiex mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew restrizzjoni moħbija għall-kummerċ bejn l-Istati Membri jew le u jekk jikkostitwux xkiel għall-funzjonament tas-suq intern jew le.

(34) Ta' min jinnota li, fid-dawl tal-limitu ta' żmien stabbilit mill-Artikolu 95(6) tat-Trattat KE, il-Kummissjoni, meta teżamina jekk il-miżuri nazzjonali notifikati skond l-Artikolu 95(4) humiex iġġustifikati, għandha tieħu bħala bażi "r-raġunijiet" imressqa mill-Istat Membru li jinnotifika. Dan ifisser li, skond id-dispożizzjonijiet għat-Trattat tal-KE, ir-responsabbiltà biex ikun ippruvat li l-miżuri nazzjonali huma ġġustifikati hija ta' l-Istat Membru li jkun għamel it-talba biex iżommhom. Minħabba l-qafas proċedurali stabbilit mill-Artikolu 95 paragrafu 4 u 6 tat-Trattat KE, inkluża b'mod partikolari d-data ta' skadenza stretta għall-adozzjoni ta' deċiżjoni, il-Kummissjoni normalment ikollha tillimita ruħha li teżamina r-rilevanza tal-punti li huma ppreżentati mill-Istat Membru li jkun għamel it-talba, mingħajr ma jkollha tfittex hija nfisha r-raġunijiet possibbli ta' ġustifiki.

(35) Madankollu, meta l-Kummissjoni jkollha tagħrif li fid-dawl tiegħu l-miżura ta' armonizzazzjoni tal-Komunità, li minnha jidderogaw id-dispożizzjonijiet nazzjonali notifikati, tista' teħtieġ li tiġi rreveduta, hi tista' tqis dan it-tagħrif fl-evalwazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali notifikati.

2.1. *Ġustifika bbażata fuq kriterji ta' ħtiġijiet ewlenin*

(36) Il-ġustifika tad-dispożizzjonijiet nazzjonali fuq kriterji ta' ħtiġijiet ewlenin kienet eżaminata fit-tul ħafna fis-sezzjoni III.2 tad-Deċiżjoni 2004/1/KE. Skond is-sejbiet f'din id-Deċiżjoni (Premessi 55 u 56), id-dispożizzjonijiet nazzjonali, sakemm jipprojbixxu l-użu ta' l-SCCPs bħala kostitwenti ta' sustanzi u preparazzjonijiet oħra fix-xogħol talmetall jistgħu ikunu ġġustifikati mill-ħtieġa li jitħares l-ambjent. Fin-nuqqas ta' xi tagħrif ulterjuri li jissuġġerixxi li l-għan leġittimu mixtieq jista' jintlaħaq b'miżuri anqas restrittivi, bħal, b'mod partikolari, limitu ta' konċentrazzjoni aktar baxx għal SCCPs bħala kostitwenti ta' sustanzi u preparazzjonijiet oħra, ġie konkluż li d-dispożizzjonijiet nazzjonali ma jidhrux li jaqbżu dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq dan l-għan.

(37) Barra minn hekk, id-Deċiżjoni 2004/1/KE kkonkludiet fil-Premessa 66 dwar l-użi li jifdal ta' SCCPs bħala sustanzi li, jekk jitqies il-prinċipju prekawzjonarju, id-dispożizzjonijiet nazzjonali, sakemm jipprojbixxu l-użi li jifdal ta' SCCPs, jistgħu jibqgħu fis-seħħ għal perjodu ta' żmien limitat biex ma jinterrompux miżuri eżistenti li jistgħu jidhru ġġustifikati fid-dawl ta' valutazzjoni tar-riskju fil-futur qrib.

(38) Id-Deċiżjoni 2004/1/KE kkonkludiet fil-Premessa 68 dwar il-projbizzjoni ta' l-użu ta' SCCPs bħala kostitwenti ta' sustanzi u preparazzjonijiet oħra bbażati fuq l-opinjoni tal-SCTEE tat-3 ta' Ottubru 2003 li d-dispożizzjonijiet nazzjonali m'humiex iġġustifikati, ħlief fil-plastik, fejn jistgħu iseħħu xi problemi.

(39) Fil-qosor, id-Deċiżjoni 2001/1/KE awtorizzat id-dispożizzjonijiet nazzjonali sakemm dawn ma japplikawx għall-użu ta' l-SCCPs bħala kostitwenti ta' sustanzi u preparazzjonijiet oħra f'konċentrazzjonijiet aktar baxxi minn 1 % maħsuba biex jintużaw bħala plastifikanti fiż-żebgħa, kisi jew siġillanti, u *flame-retardants* fil-gomma jew fit-tessuti. Id-Deċiżjoni kienet ibbażata fuq l-evidenza xjentifika disponibbli f'dak iż-żmien u fuq il-prinċipju prekawzjonarju.

(40) Fit-talba ġdida tagħha, l-Olanda ma tippreżenta l-ebda tagħrif ġdid meta mqabbla mat-talba ta' l-2003.

(41) Min-naħa l-oħra, kien hemm żviluppi ulterjuri fuq livell Ewropew li kabbru l-bażi ta' għarfien disponibbli. Ir-riżultati ta' l-ittestjar ta' bijodegradazzjoni meħtieġ skond ir-Regolament (KE) Nru 642/2005 jidhru li jindikaw li r-rata ta' mineralizzazzjoni hija bil-mod, tant li se tintlaħaq il-kriterja ta' persistenza tas-sustanzi PBT.

(42) L-abbozz ta' valutazzjoni tar-riskju aġġornat ippreżentat mill-awtoritajiet tar-Renju Unit matul il-laqgħa ta' TCNES III fl-2005 jindika li ġew identifikati riskji ġodda għal ċerti applikazzjonijiet, fuq il-bażi ta' l-aktar *data* ta' konsum reċenti ta' SCCP. Ir-Relatur tar-Renju Unit b'mod partikolari identifika riskji ġodda mill-użu ta' SCCPs fl-applikazzjoni ta' kisi fuq wara tat-tessuti u taħlit/konverżjoni tal-gomma. Il-valutazzjoni tar-riskju aġġornata ġiet maqbula bi proċedura bil-miktub u dalwaqt se tiġi ppubblikata mill-Kummissjoni. Din se tintbagħat lis-SCHER għal reviżjoni, jekk xieraq.

(43) Jekk ir-riskji ġodda identifikati jeħtieġu miżuri ta' mmaniġġjar tar-riskju addizzjonali għal xi użi ta' SCCPs ħlief xogħol tal-metall u dlik ta' ġild bix-xaħam, il-Kummissjoni se tadotta miżuri oħra ta' mmaniġġjar tar-riskju flimkien ma' dawk li huma diġà adottati fid-Direttiva 2002/45/KE. L-iskop preċiż ta' restrizzjonijiet ulterjuri bħal dawn bħalissa m'huwiex ċar. Barra minn hekk, l-evalwazzjonijiet kontinwi tan-notifiki Komunitarji ta' SCCPs bħala kandidati skond il-Protokoll ta' l-UNECE dwar il-POPs u l-Protokoll ta' Stokkolma dwar il-POPs, rispettivament, u l-inklużjoni possibbli tas-sustanzi f'wieħed mill-ftehimiet internazzjonali jew fit-tnejn li huma, jistgħu iwasslu għal restrizzjonijiet ulterjuri fil-qafas tar-Regolament (KE) Nru 850/2004.

(44) F'kull każ, huwa possibbli li restrizzjonijiet ulterjuri bħal dawn ikunu jikkonċernaw applikazzjonijiet li bħalissa għadhom permessi skond il-leġiżlazzjoni Komunitarja iżda diġà huma pprojbiti skond il-leġiżlazzjoni nazzjonali Olandiża.

(45) F'dawn iċ-ċirkustanzi u filwaqt li jitqies il-prinċipju prekawzjonarju, il-proviżjonijiet nazzjonali applikati mill-Olanda jistgħu jitqiesu ġġustifikati fl-intier tagħhom sa ż-żmien meta l-miżuri Komunitarji, b'kunsiderazzjoni sħiħa ta' l-aħħar *data* xjentifika, se jiġu adottati skond id-Direttiva 76/769/KEE, jew skond ir-Regolament (KE) Nru 850/2004.

2.2. *In-nuqqas ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew ta' xi restrizzjoni moħbija għall-kummerċ bejn l-Istati Membri u ta' xi xkiel għall-funzjonament tas-suq intern*

2.2.1. Nuqqas ta' diskriminazzjoni arbitrarja

(46) L-Artikolu 95(6) jobbliga lill-Kummissjoni sabiex tivverifika li l-miżuri previsti mhumiex mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja. Skond il-Ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex ma jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni, sitwazzjonijiet simili ma jistgħux jiġu trattati b'modi differenti u sitwazzjonijiet differenti ma jistgħux jiġu trattati bl-istess mod.

(47) Id-dispożizzjonijiet nazzjonali huma ġenerali u japplikaw għall-użi ta' SCCPs indipendentement jekk is-sustanzi humiex immanifatturati fl-Olanda jew humiex importati minn Stati Membri oħra. Fin-nuqqas ta' xi evidenza fil-kuntrarju, jista' jiġi konkluż li d-dispożizzjonijiet nazzjonali m'humiex mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja.

2.2.2. Nuqqas ta' restrizzjoni moħbija għall-kummerċ

(48) Il-miżuri nazzjonali li jillimitaw l-użu ta' prodotti b'mod aktar estiż mid-Direttiva Komunitarja, normalment ikunu jikkostitwixxu xkiel għall-kummerċ, sakemm il-prodotti li jitqiegħdu fis-suq u jintużaw b'mod legali fil-bqija tal-Komunità m'humiex mistennija, b'riżultat tal-projbizzjoni ta' l-użu, li jitqiegħdu fis-suq fl-Istat Membru ikkonċernat. Il-pre-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 6 ta' l-Artikolu 95 huma maħsuba biex ma jħallux ir-restrizzjonijiet ibbażati fuq il-kriterji stipulati fil-paragrafi 4 u 5 tiegħu milli jiġu applikati għal raġunijiet mhux xierqa, u li jikkostitwixxu miżuri ekonomiċi li ma jħallux l-importazzjoni ta' prodotti minn Stati Membri oħra, jiġifieri, bħala mezz biex iħarsu b'mod indirett il-produzzjoni nazzjonali.

(49) Kif kien stabbilit qabel, l-għan veru tad-dispożizzjonijiet nazzjonali huwa l-ħarsien ta' l-ambjent mir-riskji marbuta ma' l-użi ta' SCCPs. Fin-nuqqas ta' xi evidenza li tindika li d-dispożizzjonijiet nazzjonali jikkostitwixxu miżura maħsuba biex tħares il-produzzjoni nazzjonali, jista' jiġi konkluż li dawn ma jikkostitwux restrizzjoni moħbija għall-kummerċ bejn l-Istai Membri.

2.2.3. Nuqqas ta' xkiel fil-funzjonament tas-suq intern

(50) Din il-kondizzjoni ma tistax tiġi interpretata b'mod li tipprekludi l-approvazzjoni ta' xi miżura nazzjonali li probabbli taffettwa l-istabbiliment tas-suq itern. Tassew, kull miżura nazzjonali b'deroga minn miżura ta' armonizzazzjoni li timmira għall-istabbiliment u t-tħaddim tas-suq intern tikkostitwixxi fuq kollox miżura li probabbli taffettwa s-suq intern. B'konsegwenza ta' dan, sabiex jinżamm il-karattru utili tal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 95 tat-Trattat, il-Kummissjoni tikkunsidra li, fil-kuntest ta' l-Artikolu 95(6), il-kunċett ta' xkiel għall-funzjonament tas-suq intern ġie miftiehem bħala effett sproporzjonat fir-rigward ta' l-għan mixtieq.

(51) Ġie stabbilit li d-dispożizzjonijiet nazzjonali jistgħu jinżammu b'mod temporanju għar-raġunijiet marbuta mal-ħarsien ta' l-ambjent u li, fuq il-bażi tat-tagħrif disponibbli, jidhru li jikkostitwixxu l-unika miżura disponibbli sabiex tkun żgurata ż-żamma tal-livell għoli ta' ħarsien mixtieq mill-Olanda. Għalhekk il-Kummissjoni tqis li, sakemm ikunu identifikati l-miżuri xierqa ta' tnaqqis tar-riskju, tista' tikkonkludi li l-kondizzjoni marbuta man-nuqqas ta' xkiel għall-funzjonament tas-suq intern intlaħqet.

IV. **KONKLUŻJONI**

(52) Kif imħabbar fis-Sezzjoni I.3 tad-Deċiżjoni preżenti, ittieħdu numru ta' inizjattivi fuq livell Komunitarju sabiex jinġabar it-tagħrif meħtieġ biex jitneħħew jew jitnaqqsu l-inċertezzi madwar il-valutazzjoni tar-riskju ta' SCCPs fiż-żmien meta ġiet adottata d-Deċiżjoni 2004/1/KE. Ir-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju aġġornata jindikaw li jeżistu riskji addizzjonali li probabbli se jeħtieġu miżuri xierqa ta' mmaniġġjar tar-riskju li għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni.

(53) Skond il-Konvenzjoni ta' Stokkolma u skond il-Protokoll ta' l-UNECE dwar Pollutanti Organiċi Persistenti (POPs) qed issir reviżjoni ta' SCCPs li tista' twassal għall-inklużjoni tagħhom f'dawn l-istrumenti internazzjonali. Dan jista' jwassal għal miżuri Komunitarji fil-qafas tar-Regolament (KE) Nru 850/2004.

(54) Peress li dawn il-miżuri ġodda li għandhom jiġu adottati fuq livell Komunitarju jistgħu jikkonċernaw ukoll l-użi ta' SCCPs li bħalissa għadhom permessi skond ir-Regolament 76/769/KEE, iżda huma diġà pprojbiti skond il-leġiżlazzjoni nazzjonali Olandiża u jekk jitqies il-prinċipju prekawzjonarju, jista' jiġi konkluż li d-dispożizzjonijiet nazzjonali jistgħu jinżammu b'mod temporanju għar-raġunijiet marbuta mal-ħarsien ta' l-ambjent u ma jaqbżux dak li meħtieġ sabiex jintlaħaq l-għan mixtieq sakemm jipprojbixxu l-użu ta' SCCPs bħala kostitwenti ta' sustanzi u preparazzjonijiet oħra fix-xogħol tal-metall, bħala *flame-retardants* fil-gomma, plastik u tessuti, bħala plastifikanti fiż-żebgħa, kisi u siġillanti. Għalhekk għandha tingħata d-deroga għad-dispożizzjonijiet nazzjonali fl-intier tagħhom.

(55) Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet nazzjonali, sakemm dawn jistgħu jinżammu b'mod temporanju, m'humiex mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew restrizzjoni moħbija għall-kummerċ bejn l-Istati Membri u ma jikkostitwux xkiel għall-funzjonament tas-suq intern.

(56) Għalhekk il-Kummissjoni tqis li d-dispożizzjonijiet nazzjonali, safejn hu speċifikat hawn fuq, jistgħu jiġu approvati. Madankollu, il-Kummissjoni tqis li l-approvazzjoni tagħhom għandha tiskadi meta l-miżuri Komunitarji li għandhom x'jaqsmu ma' SCCPs jiġu adottati jew skond il-qafas tad-Direttiva 76/769/KEE jew skond ir-Regolament (KE) 850/2004 skond liema hu l-aktar strument xieraq.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar SCCPs notifikati mill-Olanda fit-8 ta' Diċembru 2006 skond l-Artikolu 95(4) huma approvati.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju ta' l-Olanda u se tiskadi fl-aktar kmieni miż-żewġ dati li ġejjin:

— id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva tal-Kummissjoni li tadotta l-Anness I tad-Direttiva 76/769/KEE fir-rigward ta' SCCPs,

— id-dħul fis-seħħ ta' Regolament li jemenda r-Regolament (KE) Nru 850/2004, li għandhom x'jaqsmu ma' SCCPs.

Magħmul fi Brussell, 7 ta' Ġunju 2007.

Għall-Kummissjoni

Günter VERHEUGEN

Viċi-President